**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**

**Gurisdizzjoni Superjuri**

**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum, it-Tlieta, 16 ta' April 2019**

**Rikors Guramentat numru: 3/2018JVC**

**Patrik Sari**

**vs**

**John Vella**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat ai termini tal-Artikoli 154 et seq tal-Kap.12 fejn l-attur ippremetta:

Illi fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar 2016, ghal xi l-erbgha u kwart ta' wara nofsinhar (16.15) waqt li l-attur kien isuq il-*motorcycl*e tal-ghamla Piaggio Runner bin-numru ta' registrazzjoni FBL 049 fi Triq l-Arcisqof Pietro Pace Victoria, niezel ghad-dritt gej mid-direzzjoni ta' Pjazza San Frangisk ghal Triq l-Imgarr, huwa gie nvestit bil-vettura tal-ghamla Land Rover Freelander bin-numru ta' registrazzjoni JBM 435, li dak il-hin kienet qed

tinstaq mill-konvenut John Vella li kien tiela' minn Triq l-Arcisqof Pietro Pace u kiser ghal fuq il-karreggjata li minnha kien qed isuq l-attur biex jidhol ghal Triq Giorgio Borg Olivier u baqa' diehel fuq l-attur;

Illi konsegwenza ta' din il-manuvra perikoluza u azzardata tal-konvenut John Vella li mblokka ghal kollox il-karreggjata tal-mutur misjuq mill-attur, l-attur wegga' gravament minbarra li garrab hsara estensiva l-mutur li huwa proprjeta' ta' Azzurra Masucci;

Illi dan l-incident gara unikament tort u minhabba traskuragni grassa, b'negligenza u b'imperizja, u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut John Vella fis-sewqan tieghu;

Illi minhabba dan l-incident l-attur Patrik Sari sofra griehi ta' natura gravi u l-mutur gratlu hsara konsiderevoli tant li gie mghoddi bhala *total loss;*

Illi l-konvenut minkejja li gie nterpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attur huwa baqa' inadempjenti;

Talab lil dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-incident oggett ta' dan ir-rikors guramentat gara unikament htija tal-konvenut John Vella minhabba sewqan traskurat, b'imperizja, u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;

2. Tillikwida d-danni kollha konsegwentement sofferti mill-attur Patrik Sari ghal dawk il-griehi ta' natura gravi u permanenti li sofra fuq il-persuna tieghu fl-imsemmi incident;

3. Tikkundanna lill-konvenut John Vella sabiex ihallas lill-attur id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-imghaxijiet, u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Gunju 2017 (Ittra numru 246/2016), u dik ipprezentata kontestwalment ma' din il-kawza kontra l-konvenut, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsab imharrek.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut illi eccepixxa:

1. Illi l-esponenti ma jahtix ghall-incident de quo liema incident sehh tort u htija ta' l-attur innfsu jew ta' terzi. Subordinarjament u bla pregudizzju ghas-suespost l-attur innifsu kkontribwixxa ghall-istess incident minhabba n-negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

2. Illi d-danni specjalment il-lukri cessanti qed jigu wkoll ikkontestati stante illi sa fejn jaf l-esponenti l-konvenut ma sofra l-ebda griehi permanenti.

Illi din ir-risposta qed issir u qed tigi kkonfermata bil-gurament mill-konvenut John Vella li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti in kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Rat illi fil-verbal tat-2 ta' Marzu, 2018 din il-Qorti nnominat lil Mr. Carmel J. Sciberras bhala perit mediku sabiex jezamina l-attur u jirrelata dwar id-dizabilita' tieghu.

Rat a fol. 46 ir-rapport mediku ta' Mr. Carmel Sciberras datat 22 ta' Mejju, 2018;

Rat l-affidavits, xhieda, kontro-ezamijiet, ritratti u provi kollha esebiti fl-atti;

Rat li fil-verbal tat-3 ta' April, 2019 il-partijiet iddikjaraw il-provi taghhom maghluqa, saret trattazzjoni orali u l-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija kawza dwar incident awtomobilistiku li sehh nhar is-26 ta' Frar, 2016 ghall-habta tal-4.15 ta' filghaxija liema incident sehh bejn il-mutur FBL 049 misjuq mill-attur Patrik Sari u l-Land Rover JBM 435 misjuqa mill-konvenut John Vella. Dan l-incident sehh fi Triq l-Arcisqof Pietro Pace, Victoria, Ghawdex kantuniera ma' Triq Gorg Borg Olivier, Victoria, Ghawdex. A fol. 12 tal-process jinsab esebit l-iskizz tal-incident redatt mis-Surgent Frank Portelli PS 1407 li xehed ukoll f'dawn il-

proceduri (a fol. 57 et seq). Jirrizulta li fil-hin tal-incident il-mutur kien hemm fuqu mhux biss l-attur Patrik Sari izda wkoll passiggiera Noemi Meichl.

L-attur jallega li sostna dizabilita' permanenti konsegwenza tal-incident u li l-incident sehh b'tort, negligenza u responsabilta' unika tal-konvenut John Vella. Da parti tieghu l-konvenut John Vella eccepixxa li ghall-incident jahti biss l-attur u subordinatament eccepixxa li fi kwalunkwe kaz l-attur ikkontribwixxa ghall-istess incident. Il-konvenut Vella jeccepixxi kontra d-danni pretizi stante li jsostni li l-attur ma sofra l-ebda danni permanenti.

Jirrizulta li ghal dak li huma hsarat sofferti fil-mutur misjuq mill-attur Patrik Sari propjreta' tal-'girl-friend' tieghu Azzurra Massucci (ara affidavit a fol. 77 et seq tal-process) is-socjeta' ta' assikurazzjoni tal-konvenut accettat ir-responsabbilta' tal-incident u halset is-somma ta' €350 lill-istess Azzurra Massucci (dan qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna) u dana rapprezentanti l-valur tar-'wreck' in vista tal-hsarat kbar li garrab l-istess mutur.

A fol. 74 et seq jinsabu esebiti ritratti mehuda mis-Surgent Frank Portelli li juru dak li huwa sab fuq il-post tal-incident x'hin mar sabiex jirrapporta l-incident. Ir-ritratti l-ohra esebiti fl-atti ttiehdu mill-konvenut John Vella u dan wara li jidher li l-mutur ittella' minn fejn waqa' u dawn jinsabu esebiti a fol. 114 et seq tal-process.

Illi dwar dak li gara dak il-hin tal-incident din il-Qorti ghandha fl-atti l-verzjoni tal-attur Patrik Sari, tal-passigiera li kienet riekba mieghu Noemi Meichl u tal-konvenut John Vella. It-tlieta li huma taw il-verzjoni taghhom originarjament lis-Surgent wara l-incident filwaqt li xehdu wkoll u sarilhom il-kontro-ezami f'dawn il-proceduri.

**Patrik Sari:**

Illi fil-verzjoni tieghu moghtija lis-Surgent xi hin wara l-incident stante li jirrizulta li l-attur ma kienx konxju fuq il-post tal-incident u gie f'tieghu biss meta ttiehed l-isptar huwa jghid (fol. 8) kif isegwi:

'I was driving my motorcycle from the direction of Xlendi towards Mgarr. I was driving along Triq l-Arcisqof Pietru Pace going straight down and all of a sudden all I know was that I had to put the brakes very quickly and about what happen I don't remember.'

Fl-affidavit tieghu a fol. 19 et seq tal-process l-attur jidhol f'ferm aktar dettal dwar l-incident u jixhed kif isegwi:

'I was driving downhill in Archbishop Pietro Pace Street, Victoria, going straight towards St. Leonard Street, Victoria. Archbishop Pietro Pace Street is straight and quite wide and the road permits a long distance vision both to the drivers coming from the centre of Victoria in the direction of Xewkija and to the drivers coming uphill from the opposite direction.

In front of me I could notice a car in the opposite direction proceeding uphill which had stopped signaling to turn to the right giving me the right of way to proceed downhill. Whilst this car was waiting to turn to the right, I could notice the defendant's car queuing behind the car in front of him. As I proceeded downhill the defendant had made an abrupt swerve to the right to overtake the car ahead of him which intended to proceed in the same direction.

At the particular moment I could notice the defendant's car blocking my carriageway. As I was too near to this car I could not take evasive action although I had tried. I had used the motor brakes to the maximum and sounded the horn in a continuous mode, but the defendant had proceeded nonetheless to complete his abusive manoevre to the right to enter Giorgio Borg Olivier Street, Victoria. The impact was inevitable. I lost consioucousness straight away and had recovered consiousness at the Gozo General Hospital when my clothes were being taken off by the paramedical staff to medicate my injuries.'

Fil-kontro-ezami tieghu a fol. 134 mistoqsi dwar x'karozzi kien hemm jirrispondi kif isegwi:

'There were two of them queing and the one from behind it started to move and that is when I pulled the brake, pressed the horn, but he still came out. So Mr. Vella was coming out from the car behind. So he was not waiting basically for his turn.'

**Il-passiggiera Noemi Meichl**:

A fol. 9 tal-process il-passiggiera li kienet riekba fuq il-mutur mal-attur tat il-verzjoni segwenti lis-surgent:

'I was a passenger on the motorcycle and my friend was driving along triq l-Arcisqof Pietru Pace and we were going straight down the hill and as we were going down we saw a car standing still about to make a right turn to enter in a side street we beep the horn a couple of times and he cross the road and accidently collided together.'

Fl-affidavit taghha a fol. 36 et seq tal-process tixhed kif isegwi:

'When we were going downhill straight ahead passing by the Gozo Geneal hospital, a car which was being driven uphill coming from the opposite direction had made an aburpt swerve to the right to enter a side road George Borg Olivier Street blocking completely our carriageway. As we were too close Patrik could not avoid the accident and had crashed into the front left side of the car. The road where the accident took place is wide and straight.

By the impact we were thrown a few metres away. I lost consciousness but regained it after a few seconds and had found Patrik lying in block on the road close to me.'

A fol. 131 fil-kontro-ezami taghha meta mistoqsija jekk rawx karozza ohra hija tirrispondi:

'We slowed down, yes , and that car we see it stopped so we can go. But behind that car another car is turning out and we hit that car because we could not stop.'

**John Vella:**

Fil-verzjoni tieghu lis-surgent il-konvenut John Vella a fol. 5 tal-proces jghid kif isegwi:

'Jiena kont tiela' fi triq l-Arcisqof Pietru Pace ir-Rabat u kont tiela' min-naha u ghamilt sinjal biex indur ghal triq Gorg Borg Olivier u waqaft ghax kien hemm vettura tat-tip Mercedes ser idur ghal fejn it-telgha ta' l-isptar u hekk kif hallejtu jdur u jiena ma rajt lil hadd gej mid-direzzjoni opposta hrigt u qsamt u dahal mutur fuq in-naha tax-xellug tal-vettura tieghi.'

Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti a fol. 97 et seq tal-process jghid kif isegwi:

'kont tiela' t-telgha tal-isptar . . . u kont se nikser ghal fuq it-Triq Borg Olivier . . . u jien u tiela' kien hemm dan il-Mercedes qieghed ha jikser 'il fuq . . . u kien qed jibblokkja t-triq kwazi li niezla, . lane li niezel 'l isfel. U kif xeghel l-indicator hu telaq u jien dort, qed induru ma' xulxin tipo . . jien dort it-triq tieghi, kont diga' hrigt minn fuq it-triq tal-isptar.'

‘Tal-mutur kien niezel b’velocita’ qawwija minn hemm bilfors, jiena ma rajtux, kien il-karozza qed tibblokka l-view in-naha ta’ fuq . . . kienet qeghdha taghlaq it-triq prattikament.’

Mistqosi jekk x’hin kiser ghal lejn triq Borg Olivier rax il-mutur jghid li le:

‘jiena mbaghad ghajnejja marret fuq Triq Borg Olivier, jien kont diga’ ksirt . . . Jiena smajt tahbita, jien lili hsara fil-karozza tieghi ma kelli xejn, assolutament xejn, kulma kelli mesahli t-trab, mill-bieba ‘l isfel jigifieri, jigifieri hu gie . . . gie jitkaxkar ghal go fija. Il-lambretta giet qisu fejn il-Land Rover.’

Skont il-konvenut b’referenza ghar-ritratti mehuda minnu esebiti a fol. 113 et seq tal-process jghid:

‘Jiena kif hadt ir-ritratti tieghi kienet tidher il-karozza tieghi mhix fuq dik it-triq, jigifieri jien kont diga’ skapulajt dik it-triq.’

Jghid li kien miexi bl-ghaxar kilometri hu u jdur xi haga hekk. Isostni li l-mutur kien gej mit-triq ta’ fuq, mit-telgha tal-isptar, kien niezel minn hemm fuq. Mistoqsi b’kemm kien ghaddej il-mutur jirrispondi:

‘Ma nafx ezatt kemm kien ghaddej, imma kien ghaddej isuq bilfors ghax dana, dana jigifieri x’hin ra l-Mercedes go wiccu prova jiskapulaha mbaghad dahal fit-triq tieghi, fejn kont jien jigifieri, u hemmhekk dejjem ikun hemm daqsxejn taz-zrar u skidja u baqa’ diehel go fija.’

Fil-kontro-ezami tieghu jikkonferma li tal-mutur kien gej ghad-dritt 'il isfel. Jghid li l-Mercedes kienet gejja minn Triq Gorg Borg Olivier biex tikser ghal fuq lejn l-isptar.

Jinsisti li kien diga' dahal fit-Triq tieghu fi Triq Borg Olivier u l-attur baqa' diehel go fih. Dwar xi prekawzjonijiet ha qabel dar jixhed kif isegwi:

'Avukat:
Appuntu. Mela inti dhalt, irkibt il-carriageway li minnha kien gej tan-naha tar-right u dhalt Triq Borg Olivier, mhux hekk?
Xhud:
Bilfors.
Avukat:
Bilfors trid taghmel hekk. U inti qabel ma ghamilt hekk jekk deherlek li hemm il-Mercedes quddiemek tostakolalek ma accertajtx ruhek qabel ma ksirt ghal Borg Olivier illi t-triq kienet clear ghalik, li stajt taghmilha?
Xhud:
Ma kienx hemm vetturi gejjin dak il-hin.
Avukat:
Int ma rajtx?
Xhud:
Il-Lambretta kienet gejja minn fuq.
Avukat:
Rajtha l-lambretta mela?
Xhud:
Quddiem il-lambretta kien hemm il-Mercedes, allura jiena klerjat, suppost nghaddi, u ghaddejt fil-fatt.

Avukat:
Ma ghaddejtx ghax habat mieghek.
Xhud:
Ghaddejt ghax hu baqa' diehel gon-naha tieghi.'

A fol. 121 mistoqsi jekk waqafx hu u tiela' sabiex idur ghal Triq Goerge Borg Olivier jghid:

'Slowjajt hafna . . . kwazi ta' a halt, imbaghad xeghelt l-indicator . . . L-iehor baqa' jdur tal-mercedes, u jien dort mieghu hekk, qsamna triq ma' xulxin f'kelma wahda.'

Mistoqsi jekk qabel kiser accertax ruhu illi ma kien gej hadd min-naha tal-Konversatorju jghid:

'Minn fuq kulma rajt jien il-Mercedes, il-Mercedes kwazi f'nofs it-triq, qed tibblokkja t-triq, qed tistennieni ghax hasbet li ha nibqa' tiela' ghall-isptar, jigifieri l-Mercedes jekk kieku kien hemm xi haddiehor 'il fuq minnu ma setax jinzel ghax hemm il-Mercedes tibblokkja hawn at the  same time.'

A fol. 125 jghid:
'Lil tal-lambretta ma rajtux gej minn hemm fuq . . .jien ghajnejja qeghdha, tfajtha fuq it-triq l-ohra li ha nikser fuqha. . .  ghax naf li mhux gejjin karozzi minn hemm fuq, ghax hemm il-Mercedes qed jibblokkja t-triq.'

Skont il-konvenut a fol. 127 b'referenza ghall-attur jghid:

'Ghax hu biex skapula l-Mercedes bilfors kellu jikser tat-triq tan-naha ta' George Borg Olivier jew x'jisimha, u jerga' hemmhekk f'dik il-kantuniera jzomm hafna zrar fin-nofs, kulhadd jaf.'

Jibqa' jinsisti in kontro-ezami li fejn waqaf diga' qieghed fuq Triq Borg Olivier.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi minn dak suespost jirrizultaw verzjonijiet differenti bejn dak li jixhdu l-attur u x-xhud riekba mieghu u dak li jixhed il-konvenut. Da parti tal-attur u wkoll da parti tax-xhud riekba mieghu mill-assjem ta' dak li qalu lis-surgent u dak li xehdu fl-atti jirrizulta li huma kienu nezlin 'il isfel fi Triq l-Arcisqof Pietru Pace, fil-lane taghhom fejn ma tirrizulta ebda 'stop sign' sabiex jibqghu sejrin fid-direzzjoni ta' Ghajnsielem. Kemm l-attur kif ukoll il-passiggiera jikkonfermaw li kien hemm vettura gejja min-naha ta' isfel ta' Triq l-Arcisqof Pietru Pace fuq in-naha tal-lemin taghhom li riedet taqsam ghal Triq Gorg Borg Olivier u stante li rat il-mutur niezel din il-vettura waqfet sabiex thallih jghaddi. F'dan l-istadju kemm l-attur kif ukoll il-passieggiera jghidu li giet il-vettura misjuqa mill-konvenut minn wara l-vettura li kienet waqfet u din it-tieni vettura ma stennietx wara l-vettura l-ohra izda qabdet u qasmet lejn Triq Gorg Borg Olivier bir-rizultat li qasmet il-karreggjata li fiha kien qed isuq l-attur, l-attur ghalkemm zamm il-brejk jghid li ma kienx hemm distanza bizzejjed u b'hekk sehh l-incident.

Da parti tieghu l-konvenut ukoll jikkonferma li kien gej min-naha t'isfel ta' Triq l-Arcisqof Pietru Pace u ried idur lejn Triq Gorg Borg Olivier. Skont hu fil-kareggjata opposta kien hemm karozza Mercedes gejja minn Triq Gorg Borg Olivier u li riedet iddur 'ilfuq fi Triq l-Arcisqof Pietru Pace direzzjoni lejn l-Isptar. Il-Qorti tirrileva li din il-vettura fl-ebda hin ma ssemmiet mill-attur u l-passiggiera fid-dinamika tal-incident. Il-konvenut jghid li la darba ra din il-vettura taghlaq il-karreggjata opposta allura huwa fehem li minn warajha ma setghet tghaddi l-ebda vettura ohra gejja minn fuq, tefa' ghajnejh fuq Triq Gorg Borg Olivier u ghalkemm slowja l-vettura tieghu fl-ebda hin ma waqaf u dawwar lejn Triq Gorg Borg Olivier. Mix-xhieda tieghu rrizulta ampjament pruvat li qabel l-impatt huwa fl-ebda hin ma kien ra l-mutur tal-attur gej mid-direzzjoni opposta fi Triq l-Arcisqof Pietru Pace. Il-konvenut jinsisti li l-impatt sehh x'hin huwa kien qabad triqtu fi Triq Gorg Borg Olivier izda fil-kontro-ezami tieghu jghid li huwa dam sekonda jew tnejn (ara fol. 120) qabel biex waqqaf il-vettura malli sehh l-incident. Dan ghalhekk ma jfissirx neccessarjament li huwa waqaf mal-impatt! F'incident awtomobilistiku sekonda jew tnejn jiswew eternita' u jafu sahansitra jservu sabiex jigi evitat incident.

Illi l-Qorti rat li filwaqt li l-verzjoni tal-attur u l-passiggiera hija wahda skjetta u minghajr wisq tidwir u assunzjonijiet, il-verzjoni moghtija mill-konvenut hija mimlija assunzjonijiet ta' x'suppost kien qed jaghmel il-mutur, x'suppost haseb is-sewwieq tal-mutur, x'jahseb il-konvenut kif irreagixxa s-sewwieq tal-mutur u hafna assunjonijiet minn dawn.

Il-Qorti tqis li mill-assjem tal-provi, mir-ritratti esebiti, mid-dettal tal-iskiss esebit a fol. 12 tal-process partikolarment l-*ispot of impact* u d-*debris*

indikat madwaru, kif ukoll mill-pozizzjoni tad-danni fil-vetturi rispettivi (ghakemm fil-vettura tal-konvenut kien hemm biss danni minimi jew ahjar tfarfir tat-trab kif jghid hu) jirrizulta li l-verzjoni tal-attur hija aktar kredibbli minn dik tal-konvenut.

Il-Qorti tqis li fil-verita' l-incident sehh ghaliex il-konvenut hu u tiela' jsuq fit-Triq l-Arisqof Pietru Pace kien mehdi jara x'kienet qed taghmel din il-karozza Mercedes li skont hu kienet qed taqsam minghajr ma ta' kaz ta' x'qed jigri aktar madwaru b'dana li la ra l-vettura l-ohra tieqaf quddiemu sabiex thalli l-mutur jghaddi u wisq anqas ra l-mutur gej min-naha ta' fuq. Rizultat ta' dan kollu, il-konvenut, li lanqas indenja jieqaf qabel ma qasam il-karreggjata opposta u jiccekkja jekk kienux gejjin vetturi min-naha ta' fuq, qabad u qasam b'mod azzardat il-karreggjata li minnha kien gej l-attur bil-mutur, ghalaq il-karreggjata tal-attur bil-vettura tieghu b'tali mod li l-attur ma kellux triq ohra ghajr li jaghfas il-brake f'daqqa u sehh l-incident appuntu fil-karreggjata tal-attur. Il-fatt li fl-iskizz u anki fir-ritratti l-vettura tal-konvenut tidher li lahqet dahlet fi Triq Gorg Borg Olivier jista' jevidenzja biss li l-konvenut ma waqafx ezatt mal-impatt izda kif qal hu stess waqaf sekonda jew tnejn wara. Mill-iskizz johrog car li l-impatt sehh aktar qabel fil-karreggjata tal-attur.

Illi in vista ta' dak kollu suespost din il-Qorti tqis li l-incident in kwistjoni sehh unikament minhabba l-manuvra azzardata tal-konvenut li minghajr ma ta' kaz x'qed jigri u x'inhu gej mill-parti ta' fuq ta' Triq l-Arcisqof Pietru Pace w'ghalhekk naqas milli jzomm 'proper look-out' qabad u qasam il-karreggjata tal-attur bir-rizultat li sehh l-incident. Din il-Qorti ghall-kuntrarju ta' dak espost mill-konvenut ma sabet xejn fil-provi li b'xi

mod jista' jitfa' xi element ta' kontribuzzjoni ghall-incident da parti tal-attur.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, stante li jirrizulta li ghall-incident jahti unikament il-konvenut, l-istess konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur.

**Danni:**

Damnum Emergens:-

Jirrizulta mill-atti li salv ghad-danni sofferti fil-mutur li ma kienx proprjeta' tal-attur u liema danni hemm qbil li thalsu, l-attur ma ressaq l-ebda prova ohra dwar danni materjali li huwa seta' sofra konsegwenza tal-incident. Ghalkemm f'xi partijiet mix-xhieda jissemma' li l-attur dam xi ammont ta' gimghat biex rega' gie f'tieghu, fl-atti ma tressqet l-ebda prova dwar jekk l-attur tilifx xi paga konsegwenza tal-griehi li sofra fl-incident in kwistjoni.

Lucrum Cessans

Illi dwar danni Lucrum Cessans a fol. 46 jinsab esebit ir-rapport mediku ta' Mr. Carmel Sciberras datat 22 ta' Mejju, 2018 f'liema rapport jinghad kif isegwi:

'IMPRESSJONI: Is-Sur Sari garrab hsara f'diversi partijiet fuq in-naha tal-lemin ta' gismu. Il-ksur kollu ghaqad sew. L-ugigh u s-sintomi l-ohra li

qed jilmenta minnhom kollha gejjin mill-hsara li garrab fit-tessuti rotob (soft tissues) l-aktar spallejh u dirghajh il-lemini kif ukoll it-tessuti madwar l-iliac crest, d-dahar u l-kustilji t'isfel fuq in-naha ta' wara. Dawn it-tessuti rotob fiequ permezz ta' cikatrici li ma tiggebbitx daqs nghidlu ahna muskolu normali. Ghalhekk iwegga' meta jinqabez il-limitu ta' kemm jifilhu daw ic-cikatrici minn gewwa. Biz-zmien, l-ugigh ghandu jtaffi xi ftit izda ma jmurx ghal kollox. Is-Sur Sari dejjem irid joqghod attent nghidu ahna x'jerfa' u kif jerfa' u xi kultant ikollu jieqaf biex jistrieh mill-ugigh.

Il-'costal margin' lemini jibqa' xi ftit pero' inenti aktar minn dak xellugi. Jista' jibqa' jtelfu milli jorqod fuq zaqqu.

Sinjal tajjeb hu l-fatt li s-Sur Sari ma kellu bzonn jibdel ix-xoghol li kellu qabel dan l-incident.

**DIZABILITA': 6% (sitta fil-mija).'**

Ghalkemm fl-atti jidher li l-konvenut ipprezenta talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali, il-konvenut ma nsistiex fuq din it-talba tant li l-kawza giet differita ghad-decizjoni fuq talba tal-partijiet. Jirrizulta ghalhekk lil din il-Qorti li d-dizabilita' ta' 6 % mihijiex kontestata.

Dwar introjtu tal-attur jirrizulta mill-atti li qabel l-incident l-attur kien jahdem bhala 'waiter' u li wara l-incident huwa baqa' jaghmel dan ix-xoghol (ara l-kuntratt esebit a fol. 24 tal-process). Ghalkemm ma gew prezentati l-ebda FS 3's tal-attur, minn dan il-kuntratt jirrizulta li l-paga

tal-attur hija dik ta' €6.50 s-siegha u li s-sieghat tax-xoghol tieghu huma dawk ta' 40 siegha fil-gimgha. Fuq perjodu ta' sena ghalhekk tirrizulta paga gross ta' €13,520. Mill-affidavit u l-karta tal-identita' tal-attur esebit jirrizulta li dakinhar tal-incident l-attur kellu l-eta' ta' 32 filwaqt li l-eta' pensjonabbli tieghu facilment tista' tittiehed bhala dik ta' 65. Fil-kuntest ta' dan kollu u in linea mal-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati, il-Qorti tikkalkula danni lukri cessanti sofferti mill-attur kif isegwi:

€13,520 (paga) x 6% (disabilita) x 33 (snin ghal pensjoni)= €26,769.60.

Ma' dan l-ammont tizdied 10% ghal dawk maghrufa bhala 'chances and changes of life": €26,729.60 + 2,676.96 = €29,406.56. Il-Qorti tqis li dan il-persentagg ma ghandux ikun aktar ghall-fatt li l-attur zamm ix-xoghol tieghu.

Mill-ammont suespost ghandu jitnaqqas persentagg maghruf bhala 'lump sum'. Il-Qorti tiddikjara li hija konxja minn sentenza recenti fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddikjarat li ma kinitx ser tnaqqas dan il-persentagg li normalment ikun dak ta' 20% stante li argumentat li llum il-gurnata l-imghaxijiet li jhallsu l-banek huma ferm anqas minn dawk li kienu jithallsu qabel. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument stante li fi kwalunkwe kaz il-'lump sum' mhux neccessarjament tigi depozitat f'bank izda tigi nvestita mod iehor ghas-semplici fatt li tithallas bhala somma shiha.

Jirrizulta izda mill-atti li ghalkemm l-assikurazzjoni tal-konvenut ammettitet it-tort tant li halset id-danni tal-mutur, ghal dak li huma danni

sofferti mill-attur dawn baqghu ma thallsux tant li kellha tinfetah din il-kawza. Konsegwenza ta' dan din il-Qorti tqis li stante trapass ta' tliet snin mid-data tal-incident allura ghandha titnaqqas biss persentagg ta' 14% bhala 'lump sum': €29,406.56. - €4,116.92 = €25,289.64.

Jirrizulta ghalhekk li l-attur sofra total ta' danni lukri cessanti ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin Elf, mitejn u disgha u tmenin Euro u erbgha u sittin centezmu (€25,289.64) liema danni huma dovuti mill-konvenut lill-attur.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti taqta' w'tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:**

**1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut John Vella;**

**2. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-incident oggett ta' dan ir-rikors guramentat gara unikament htija tal-konvenut John Vella minhabba sewqan traskurat, b'imperizja, u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut John Vella;**

**3. Tilqa' t-tieni talba attrici u tillikwida d-danni kollha konsegwentement sofferti mill-attur Patrik Sari ghal dawk il-griehi ta' natura gravi u permanenti li sofra fuq il-persuna tieghu fl-imsemmi incident fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, mitejn u disgha u tmenin Euro u erbgha u sittin centezmu (€25,289.64);**

**4. Tilqa' t-tielet t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut John Vella sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, mitejn u disgha u tmenin Euro u erbgha u sittin centezmu (€25,289.64) f'danni likwidati minn din il-Qorti.**

**Bl-imghaxijiet mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra l-konvenut.**

**(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Magistrat**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**D/Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**

Fol. 4: police report

Fol. 12: Skizz

Fol. 19: Affidavit Patrick Sari

Fol. 36: Affidavit Noemi Meichl
k/ez fol. 131

Fol. 38: Xhieda Dr. Patrick Sciberras
Re injuries in hospital – fratturi fuq gewwa ma jsirx gibs
26th feb kwazi 8th weeks kien kwazi back to full function. – 15th April, 2016 kien full function – no more appointments after

Rapport fol. 46: Mr Carmel Sciberras

Fol. 57: Xhieda PS 1407 Frank Portelli
Fol. 74 et seq: photos

Fol. 77: Affidavit Azzurra Masucci
Untour s third party insurance paid wreck is it had assumed responsiility

Fol. 84 et seq:  emails

Fol. 97/119:  xhieda John Vella

Fol. 113/114:  photos taken by konvenut.